# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 28 TA' JANNAR 2021**

**Kawza Numru: 10**

**Rik. Gur. 1086/2017 RGM**

**Tabib Principali tal-Gvern**
**u b'digriet tad-19 ta' Frar 2020, il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, fis-sens illi l-kliem 'Tabib Principali tal-Gvern jigi sostitwit bin-nomenklatura ' Direttur Generali tad-Dipartimenti tas-Servizzi tas-Sahha'**

**vs.**

**Dr. Michelle Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors mahluf mill-Ufficjal Mediku Ewlieni** pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2017 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-intimata kienet impjegata bhala tabiba mal-Gvern. Waqt l-impjieg taghha hija giet maghzula sabiex tmur barra minn Malta, l-Ingilterra sabiex tkompli tispecjalizza fl-ortopedija. Dan l-istudju sar kollu a spejjez tal-Gvern.

2. Illi l-intimata dahlet ghalhekk fl-obbligazzjoni kontrattwali mal-istess Gvern, rapprezentat mill-Ufficjal Mediku Ewlieni gia` maghruf bhala t-Tabib Ewlieni tal-Gvern fejn il-Gvern intrabat illi jhallas l-istudju kollu kif ukoll l-ispejjez marbuta ma’ l-istess studju fil-waqt illi l-intimata intrabtet illi malli tlesti l-istudji taghha b’success tigi lura u taghti s-servizzi taghha fid-Dipartiment tas-Sahha. Dawn l-obbligazzjonijiet kontrattwali saru permezz ta’ kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Cora Vella datat tlieta u ghoxrin (23) ta’ Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) (Dok A).

3. Illi l-intimat minkejja illi spiccat l-istudji taghha b’success irrezinjat mill-impjieg mall-Gvern u llum hija qed tahdem ta’ specjalista ortopediku fl-Ingilterra u dan bi ksur ta’ l-obbligazzjonijiet assunti minnha fl-istess kuntratt u ghaldaqstant l-esponenti kellu jintavola dawn l-proceduri sabiex jinforza l-garanzija assunta mill-konvenuta fil-kuntratt hawn fuq imsemmi;

4. Illi s-somma dovuta tirraprezenta hlasijiet illi saru lill-intimata sakemm hija kienet qed tistudja pero` bl-intiza illi meta tlesti tigi lura u taghti s-servizz misthoqq ai termini tal-kuntratt imsemmi. Billi dan is-servizz ma hux qed jinghata u lanqas ser jinghata stante illi llum hija irrezinjat mis-servizz l-ammont ghandu jithallas lura lill-Gvern.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuta naqset li tonora l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Cora Vella datat tlieta u ghoxrin (23) ta’ Frar tas-sena elfejn u hdax (2011);

2. Tawtorizza lill-atturi sabiex jinfurzaw il-garanzija ipotekarjara assunta minn konvenuta;

3. Tiddikjara li l-ammonti kollha dovuti ghandhom jigi rritornati lill-atturi;

4. Tordna l-hlas tal-istess garanzija u ta' l-ammonti kollha mhallsa lill-intimata matul is-snin illi kienet qed tistudja barra a favur l-attur;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali Numru 3490/17 l-imghax kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-**risposta guramentata ta' Dr. Michelle Spiteri** ipprezentata fit-18 ta' Jannar, 2018 fejn jinghad kif gej:

1. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi l-pretenzjonijiet vantati mill-attur ma jirrispekkjawx dak pattwit bejn il-kontendenti.

3. Illi l-ammont realment dovut daparti tal-intimata ai termini tal-kuntratt tat-23 ta' Frar, 2011, li fuqu huma msejsa l-premessi kollha tal-azzjoni attrici, jammonta ghal (€19,457.46) dsatax-il elf erba' mija u sebgha u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu. Illi minkejja illi din is-somma komplessiva giet debitament offruta lir-rikorrent permezz ta' ittra ufficjali Nru: 3704/2017 (Dok. A), l-istess rikorrent istitwixxa dawn il-proceduri, illi permezz ta' Mandat ta' Sekwestru li jgib in-numru 1700/2017, intalab illi tigi kkawtelata s-somma ta' €64,375.09. Illi ghaldaqstant l-imsemmija somma offruta qed tigi ddepositata fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Cedola apposita.

4. Illi l-istess kuntratt citat jistipula car illi f'kaz ta' ksur kuntrattwali, u cioe`, jekk l-intimata ma taghtix servizz mal-Gvern ghal perjodu ta' hames (5) snin, il-penali massima dovuta tkun dik ta' €26,626; fil-konfront ta' liema somma giet iskritta ipoteka a favur l-attur noe. Dan gie ukoll ikkonfermat minn digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Novembru 2017 fejn l-istess Qorti cahdet talba tal-attur sabiex jrendi l-kuntratt citat ezekuttiv (Dok. B).

5. Illi l-intimat m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza stante illi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali Nru: 3704/2017, u cioe` it-12 t'Ottubru 2017, kienet diga ddikjarat illi disposta tirrifondi s-somma ta' €19,457.46.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-provi mressqa;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Servizzi tas-Sahha fl-4 ta' Mejju 2020, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr. Michelle Spiteri ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti Antecedenti l-Kawza**.

Il-konvenuta kienet impjegata bhala tabiba mal-Gvern. Fit-23 ta' Frar 2011, il-konvenuta Dr. Michelle Spiteri u l-Gvern rapprezentat mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha, Anzjani u Kura fil-Komunita' ffirmaw kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Cora Vella,

Nutar tal-Gvern u dan wara li Dr. Spiteri giet maghzula sabiex tispecjalizza fl-ortopedija gewwa l-Ingilterra. Fl-imsemmi kuntratt il-Gvern intrabat li jhallas lill-konvenuta l-istudju kollu kif ukoll l-ispejjez marbuta mal-istess studju filwaqt li l-konvenuta intrabtet li malli tlesti l-istudji taghha tigi lura Malta u taghti servizz taghha fid-Dipartiment tas-Sahha ghal hames snin wara li tispicca l-istudju:

> *"(a) That she shall return to Malta on completion of the said course of training, and thereafter the said Doctor Michelle Spiteri is to serve the Ministry for Health, Elderly and Community Care and or any other recognised organisation at the discretion of the Government for a period of five years;*
>
> *[...]*
>
> *The sum of twenty-six thousand six hundred and twenty six Euros (€26,626) is to be paid by the Government of Malta to the said Doctor Michelle Spiteri during the tenure of the said course of training, which sum represents salary and other expenses."*[1]

Gara li nonostante li Dr. Michelle Spiteri spiccat b'success l-istudji taghha hija irrizenjat mill-impjieg taghha minn mal-Gvern u bdiet tahdem ta' specjalista ortopediku fl-Ingilterra. L-attur jillamenta li galadarba l-konvenuta kisret l-obbligazzjoni taghha li toffri s-servizz taghha fid-Dipartiment tas-Sahha hija ghandha thallas lura l-ammonti kollha mhallsa mill-Gvern ta' Malta lill-intimata matul is-snin illi kienet qed tistudja barra minn Malta:

> "*To secure the proper performance of the obligations undertaken herein, the Doctor Michelle Spiteri hypothecates all her property in*

[1] Pagna 6 tal-process.

*general, present and future, in favour of the Government, up to the sum of twenty-six thousand six hundred and twenty six Euros (€26,626).”*[2]

Il-konvenuta min-naha taghha m’hijiex qieghda tikkontesta li hija irrizenjat mill-impjieg taghha minn mal-Gvern filwaqt li ma tatx servizz ghal perijodu ta' hame. Lanqas m’hija tikkontesta li hija ghandha tirritorna ammont ta’ flus lil Gvern. Dak li qieghda tikkontesta huwa l-ammont dovut daparti taghha fejn tghid li l-ammont dovut huwa ta’ dsatax-il elf erba’ mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€19,457.46).

Mill-atti jirrizulta li fis-6 t’Ottubru 2017, il-konvenuta kienet informat lill-attur b’din is-somma u informatu wkoll li jekk jonqos li jirrikonoxxi li l-ammont dovut kien ta' €19,457.46 allura hija kienet serja tiddepozita l-imsemmija somma fir-Registru tal-Qorti. F’din l-istess ittra ufficcjali tispjega li ai termini tal-kuntratt pubbliku surreferit, il-garanzija tigi ridotta pro rata kontra s-sieghat ta’ servizz resi da parti taghha illi kienu jammontaw ghal sebghin (70) siegha [recte: gimgha] ekwivalenti ghal sebat elef, mija u tmienja u sittin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€7,168.54).[3]

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Fit-18 ta’ Gunju 2018 xehed **Hubert Brincat**, Accountant gewwa l-Isptar Mater Dei. Spjega li mis-26 ta’ Frar 2012 sa 22 t’April 2013, Dr. Michelle Spiteri kienet fuq *study leave* izda xorta baqghet tithallas. In kontro-ezami mizmum fl-istess gurnata jghid li hija thallset sebgha u tletin elf, sebgha mija u wiehed u erbghin Ewro (€37,741) li jikkomprendu erbatax-il pagament bejn is-26 ta’ Frar 2012 u t-22 t’April 2013.[4]

---

[2] *ibid.*

[3] Pagna 15 tal-process.

[4] Pagna 138 tal-process.

Xehdet ukoll **Sharon Ferris** fit-18 ta' Gunju 2018. L-irwol taghha huwa ta' Executive Officer fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani gewwa Mater Dei. B'referenza ghal kuntratt tat-23 ta' Frar 2011 hija tghid li ratu l-ewwel darba meta gie approvat l-i*Study Leave*. Tghid li dan il-*leave* gie approvat mid-Direttur. Tghid li l-ewwel gie approvat ghal sena imbaghad gie mgedded ghal sena u xahrejn. Ix-xhud tghid li peress li Dr. Spiteri kienet marbuta ghal hames snin sabiex isservi lill-Gvern u minhabba li hija rrizejnat, giet ikkalkulata "is-somma li ghandha taghti [min]habba li m'ghamlitx il-hames snin servizz"[5]. Spjegat li s-somma nhadmet *pro rata*, fejn fuq l-ewwel sena ta' *study leave* inghatat garanzija. Ghat-tieni sena ma saritx ipoteka izda inghatat salarju sa' April u ghalhekk li gara kien li saret addizzjoni tal-pagamenti li inghataw fl-2013 u l-garanzija. Ix-xhud ipprecizat kif giet mahduma s-somma:

In kontro-ezami x-xhud tikkonferma li kien hemm ipoteka ghal sena skont il-kuntratt pubbliku izda ma kienx hemm ipoteka ohra u lanqas ma giet imgedda l-ipoteka ghat-tieni sena u xahrejn tal-i*scholarship*. Ix-xhud tghid li fil-kalkoli li ghandha tirritorna Dr. Spiteri gie inkluz dak li thallset fit-tieni sena, fejn l-ammont huwa ta' sebgha u erbghin elf u tmienja u tletin Ewro (€47,038).Tghid li "nhadmet it-total li thallset fl-ewwel sena, u total ta' sena u two months kienu ta' wara. Il-binding kien ghal hames snin. Issa nhadem x'hadmet u x'ma hadmitx, imbaghad harget ic-cifra ghal li ma hadmitx, kemm ghandha taghti ghal li ma hadmitx."[6] Meta giet mistoqsija ghalfejn ix-xhud Hubert Brincat ta somma differenti li ghandha tirrifondi l-intimata, ix-xhud tghid li dik is-somma hija xi thallset f'sena u xahrejn minnhom u mhux x'ghandha taghti lura. Ix-xhud ipprezentat dokument bil-*workings* ta' kif id-dipartiment wasal ghac-cifra li ghandha tinghata minn Dr. Spiteri:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Study Leave Granted | 2yrs 2 mts | Worth of | €64,368 |

[5] Pagna 35 tal-process.
[6] Pagna 38 tal-process.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Binding Period | 5 yrs | Equiv to | 260 wks |
| Worked Binding | 1.05.13 | 30.04.14 | 52 wks |
| | 05.01.2017 | 15.05.17 | 18 wks |
| | | | 70 wks |

| | | |
|---|---|---|
| Calculation | Binding | 260 wks |
| | Worked | 70 wks |
| | Uncovered | 190 wks |

| | | |
|---|---|---|
| Rate | €247.57<br>(€64,368/260wks) | |
| Amount due to Department | | €47,038 |

Gie pprezentat l-affidavit ta' **Yakob Zahra**, dak iz-zmien ufficcjal fis-sezzjoni tal-Amministrazzjoni tal-Isptar Mater Dei. Jghid li huwa ma kienx involut direttament f'dan il-kaz peress li kien jahdem ma' Ministeru differenti, però mill-file personali ta' Dr. Spiteri jirrizulta li fil-21 ta' Dicembru 2010 talbet ghal sentejn *study leave* bi hlas sabiex tkompli t-tahrig taghha fl-ortopedija. Jghid li fit-2 ta' Frar 2011, Dr. Spiteri ffirmat *Form of Understanding* li biha ntrabtet li tkompli taqdi lid-Dipartiment tas-Sahha ghal perjodu ta' 5 snin mid-data tar-ritorn taghha. Fl-istess formula hija taccetta li "*the scholarship above-mentioned is being granted to me under the conditions set out in the rules governing the award of scholarships to which I hereby bind myself.*"[7] Ix-xhud jirrimarka illi fost ohrajn ir-regoli jinkludi li

> "8. *The scholarship holder may also be required to refund all or any part of the expenses incurred by his/her Ministry/Department on his/her behalf and in connection with his/her scholarship*

[7] Pagna 47 tal-process.

*a) if this is suspended or terminated for any reason;*

*b) if he/she fails to complete the course successfully; or*

*c) if he/she fails to serve his/her Ministry/Department as stated in paragraph 3 above."*[8]

Fit-13 ta' Frar 2012 Dr Michelle Spiteri giet informata li kienet giet approvata estensjoni tal-*leave* ghall-istudju bi hlas mill-1 ta' Marzu 2012 sat-28 ta' Frar 2013. Jghid li fl-1 ta' Dicembru 2012 Dr Spiteri talbet estensjoni ta' xahrejn ohra u din it-talba giet approvata biex b'hekk il-perjodu tal-*leave* ghall-istudju bi hlas gie estiz sat-30 t'April 2013. Dr. Spiteri talbet estensjoni ta' gimghatejn bi hlas izda din ma gietx approvata u ghalhekk Dr. Spiteri talbet li dawn ikunu maqtugha mill-*vacation leave* taghha. Fil-31 t'Awwissu 2013. Dr Spiteri talbet sena *leave* ghall-istudju minghajr hlas u fit-3 t'Ottubru 2013 giet informata li din it-talba giet akkolta. Fit-13 ta' Settembru 2014 Dr Spiteri talbet estensjoni ohra ta' sena ghal-*leave* ta' studju minghajr hlas u fit-13 ta' Jannar 2015, il-konvenuta giet informata li t-talba giet approvata biex b'hekk il-perjodu ta' *leave* gie estiz sal-31 ta' Marzu 2016. Ix-xhud ikompli jghid li fi Frar 2016 Dr Spiteri talbet estensjoni ta' 4 xhur *leave* ghall-istudju minghajr hlas u din l-estensjoni giet approvata. Bejn Mejju u Gunju 2016, kien hemm kommunikazzjoni ghaddejja bejn Dr. Spiteri u Sharon Ferris fejn Dr Spiteri staqsiet rigward ir-rifuzjoni (*repayment*). It-tabiba giet informata li din ser tinhadem pro rata skont in-numru ta' snin ta' rabta u fl-20 ta' Gunju 2016 Sharon Ferris informat lil Dr Spiteri li kien ghad fadlilha erba' snin rabta. Ix-xhud jghid li fl-istess kommunikazzjoni Dr Spiteri talbet informazzjoni dwar il-Leave ta' Emigrazzjoni. Fil-21 ta' Gunju 2016 Dr. Spiteri talbet lid-Direttur tar-Rizorsi Umani sitt xhur *Leave* ta' Emigrazzjoni mill-4 ta' Lulju 2016. Yakob Zahra jghid li fl-ittra taghha Dr Spiteri hija kitbet li "*I understand that I have four years of binding service with the Ministry of Health in connection with study leave binding."*[9] Ikompli jghid li din it-talba giet approvata u bdiet tapplika mill-4 ta' Lulju 2016 sat-3 ta' Jannar 2017. Gara li fid-19 ta' Marzu 2017 Dr Spiteri kitbet

[8] Pagna 49 tal-process.
[9] Pagna 65 tal-process.

lid-Direttur tar-Rizorsi Umani sabiex tirrizenja mill-pozizzjoni ta' Orthopedic HST.

Waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2019 xehed **Ivan Esposito**, *chairperson* tad-Dipartiment tal-Ortopedija u trauma u sports u jahdem gewwa l-Isptar Mater Dei. Rigward Dr. Michelle Spiteri jghid li hija bdiet bhala *trainee* fid-Dipartiment tal-Ortopedija izda imbaghad hadet il-post ta' *Higher Specialist Trainee (HST).* Ix-xhud jghid li l-perjodu ta' HST huwa ta' sitt snin fejn sentejn minnhom iridu jsiru barra minn Malta izda fejn l-ahhar sena tat-*training* trid issir Malta u dan qabel ma jinghata c-certifikat tat-tlestija tat-tahrig kirurgiku. Fil-kaz ta' Dr Spiteri, Mr Ivan Esposito jghid li kienet ghamlet it-tahrig taghha barra minn Malta però meta lestiet it-tahrig ta' HST hija xtaqet li taghmel *fellowship* sabiex tkompli tispecjalizza u din giet approvata. Gara li Dr. Spiteri giet lura Malta u applikat ghal post ta' konsulent izda giet it-tieni. Wara ftit taz-zmien uriet ix-xewqa li tmur lura l-Ingilterra u tiehu post ta' konsulent hemhekk. In kontro-ezami jghid li kull talba sabiex jittiehed *sabbatical* jew *study leave* iridu jigu approvati mic-*chairman* tad-Dipartiment. Fil-kaz ta' Dr. Michelle Spiteri x-xhud ma kienx cert jekk huwa kienx involut ghall-approvazzjoni tal-*leave* ghall-istudju.

Fis-27 ta' Novembru 2019 xehdet il-konvenuta **Dr. Michelle Spiteri** fejn spjegat li hija kienet iggradwat mill-Università ta' Malta bhala tabib, imbaghad kompliet tispecjalizza fil-kirurgija, imbaghad ortopedija sabiex illum hija taghmel konsulenza tal-idejn. Tghid li f'Marzu 2011 hija kienet applikat biex tmur tkompli l-ispecjalizzazzjoni tal-Ortopedija barra minn Malta. Tghid li fi Frar 2011 hija kienet iffirmat *scholarship agreement* u wara dan kellha tiffirma wkoll ipoteka ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u ghoxrin ewro. Tghid li din kienet garanzija li sejra taghti hames snin servizz lil Gvern meta tirritorna lura Malta. Tkompli tghid li f'Marzu 2011 hija rceviet ittra mid-Direttur tar-Rizorsi Umani li tghid li qieghed tinghata sena *leave* ghal studju u bi hlas li jibda mill-1 ta' Marzu 2011. F'Jannar tal-2012 hija kienet giet mistoqsija mid-Direttur tar-Rizorsi Umani jekk riditx testendi l-*leave* taghha jew kellhiex bzonn testendi l-

*leave* u jekk riedet setghet titfa l-applikazzjoni taghha. Tghid li hija kienet applikat u dan stante li kienet tehtieg sentejn ta' tahrig barra minn Malta sabiex tkun tista' tpoggi ghal ezami tal-ispecjalizzazzjoni tal-Ortopedija. Tghid li hija applikat ghal xahrejn ohra wara din l-ahhar sena u dan sabiex tkun tista' tispicca r-ricerka li kienet qieghda taghmel dak iz-zmien. Tghid li z-zewg talbiet taghha gew approvati. B'dan ghalhekk ifisser li t-total ta' zmien li ghamlet barra minn Malta kien ta' sentejn u xahrejn.

Hija tghid li wara li lestiet l-ispecjalizzazzjoni hija giet Malta u bdiet tahdem gewwa l-Isptar. Tghid li "Wara Marzu tal-2017 kelli offerta biex immur nahdem barra bhala konsulent u minhabba l-*career profession* tieghi hassejt li kienet l-ahjar ghazla allura irrizenjajt minn gol-isptar. L-istess gurnata li rrizenjajt mort inkellem lil Ms Sharon Ferris fid-Dipartiment tal-Personnel u staqsejtha biex tkun tista' taghmel il-kalkoli ghaliex l-ipoteka tghid li jekk ma nahdimx il-hames snin imbaghad irrid inhallas il-pro rata skond l-ipoteka, allura staqsejtha biex tikkalkulali l-ammont ta' zmien li kont hdimt u kollox pro rata."[10] Tghid li Sharon Ferris bghatet ghaliha u kienet staqsitha jekk kinitx iffirmat ipoteka gdida wara l-estensjoni. Tghid li hija kienet wiegbet fin-negattiv. In segwietu ghal din il-laqgha hija inghatat stima ta' sitta u erbghin elf. Hija tghid li staqsiet lil Sharon Ferris kif kienet waslet ghas-somma u tghid li kienet taghta ezempju ta' tabib li siefer fuq l-istess skema fl-2014 fejn f'dak il-kaz kienet tigi ffirmata estensjoni tal-ipoteka gdida li tkun tikkwota ammont gdid. Tghid li ghalkemm hija ma kinitx iffirmat estensjoni tal-ipoteka xorta wahda giet ibbazata daqs li kieku kienet iffirmat ipoteka gdida. Tghid li mal-kalkoli hija ma qablitx u informat b'dan lil Sharon Ferris. Din tal-ahhar qaltilha sabiex tkellem lill-ufficcju legali tal-Isptar. Tghid li hija kelmet lil Dr. Bridgette Sultana u tghid li kienet informatha li ghandha thallas skond l-ammont li hemm miktub fuq l-ipoteka u cioe pro rata tal-ammont li hadmet lura. Tghid li hija regghet ikkomunikat ma' Dr. Sultana izda l-assistenza taghha kienet informatha li l-file taghha intbaghat bir-rakkomandazzjoni taghha ghand Ms. Emily Fenech. Ix-xhud tkompli tghid

[10] Pagna 87 tal-process.

li hija kommunikat ma' Emiline Fenech izda din qatt ma taghta risposta, kien ghalhekk li baghtet korrispondenza elettronika lil Dr Brigitte Sultana li kienet informatha li "*I tended advice, it is now for administration to decide what course of action to take"*[11] Ix-xhud tinsisti li Dr. Sultana ma kinitx qablet mal-kalkolu li kienet ghamlet Sharon Ferris.

Dr. Michelle Spiteri tghid li "Wara l-iskambju ta' korrispondenza ma rcevejt xejn izjed, imbaghad ircevejt ittra irregistrata mill-Qorti li tghid li rrid naghti erbgha u sittin elf ewro fi zmien jumejn u peress li rcevejt dik l-ittra kellimt lill-avukat tieghi u mbaghad ipprezentajna ittra lit-tabib tal-Gvern tispjega l-fatti kif saru u li l-ammont li kont iffirmajt bhala garanzija kien ta' sitta u ghoxrin elf ewro li jekk inti tiehu akkont l-ammont li hdimt lura jigi ta' dsatax il elf u mbaghad gimaghtejn wara ircevejt Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv"[12] In segwitu ghal dan il-Mandat, proprju fis-6 t'Ottubru 2017 hija iddepozitat is-somma ta' dsatax-il elf erbgha mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€19,457.46).

In kontro-ezami x-xhud tghid li ghamlet sentejn barra minn Malta u giet lura fl-2013. Mistoqsija kemm damet tahdem Malta wara din id-data hija tghid li ma tafx ezatt izda tghid li fl-2014 hija marret taghmel *fellowship* barra minn Malta. Regghet giet mistoqsija kemm ghamlet tahdem Malta mill-hames snin li obbligat li tahdem wara li tirritorna lura, ix-xhud tghid li "skond il-kalkoli ta' Miss Ferris 70 weeks".

Ikkunsidrat;

**Gurisprudenza Dwar l-Interpretazzjoni ta' Kuntratti**.

Il-vertenza ta' bejn il-partijiet mertu tal-kawza odjerna tirrigwarda primarjament nuqqas ta' qbil bejniethom dwar l-interpretazzjoni tal-ftehim ta' bejniethom rez in iskritt permezz ta' skrittura tat-2 ta' Frar 2011[13]

[11] Pagna 105 tal-process.
[12] Pagna 89 tal-process.
[13] Pagna 94 tal-process

iffirmata mill-konvenuta u minn...................ghan-nom tal-Gvern ta' Malta kif ukoll permezz ta' kuntratt pubbliku ippubblikat tlett gimghat wara u cioe' fit-23 ta' Frar 2011 iffirmat mis-segretarju permanenti fil-Ministeru tas-Sahha ghan-nom tal-Gvern Malti min-naha u mill-konvenuta min-naha l-ohra.

Rilevanti ghalhekk illi jigu delineati l-ligi u l-gurisprudenzza in materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti.

In linea generali, kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta’ Jannar 1996 fl-ismijiet **Gianni Cefalu et vs. Paul Gauci noe**:

> “Kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u ma jistghux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-liġi jeħtieg li jkun fih dawk ir-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè l-kapaċità, il-kunsens, l-oġġett u kawża leċita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiżiti ma jistax jiġi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volontà leġittima tal-kontraenti liema volontà hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16.”

L-**Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16** jistipula illi “Meta l-kliem ta’ konvenzjoni meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni”.

Fil-kawza fl-ismijiet **Gloria Beacom et vs. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines** il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t’Ottubru 1998 irriteniet:

> “Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-

> kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".
>
> "Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti f'illi rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

In oltre gie ukoll deciz illi "Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni "meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **Beacom vs. Spiteri Staines** – ibid; **Suzanne Xuereb vs. Gilbert Terreni** deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fil-12 ta' Lulju 2001; **Anton Spiteri vs. Alfred Bor** deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-30 ta' Novembru 2000; **Emanuel Schembri vs. Leonard Ellul**, deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-30 ta' Ottubru 2001; u **General Cleaners Company Limited v. Accountant General** deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fid-29 ta' Novembru 2001).

Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Terres Co Ltd et vs. L-Ghajn Construction Co. Ltd** (Cit Nru 1123/10 MCH) deciza fil-15 ta' Jannar 2013 ghamlet taghha dak li inghad fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Mark Bugeja et vs. Geoffrey Camilleri**, liema sentenza enuncjat b'mod car il-principji regolatrici tal-kuntratt b'harsa dettaljata lejn il-gurisprudenza prevalenti:

> "Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza "**Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Contstruction Company Limited**" (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju

2011) u li kkonfermat dak li nghad fis-sentenza "**Anton Spiteri vs Alfred Borg**" (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000) fuq is-suggett ta' interpretazzjoni ta' kuntratt inghad li "ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-artikolu 1002 tal-Kap 12, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skont l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha" ("**Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb**" - A. C. 30 ta' Marzu 1997).

[...]

"Illi fis-sentenza "**John Spiteri et vs Popeye Investments Limited**" (A.C. – 3 ta' Novembru 2006) inghad illi li kif "ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet **Elena Micallef v. E. Ciantar** (Vol.X.345) deciza fit-3 ta' Jannar 1884 "quando sorgono difficolta' sulla intelligenza delle condizione di un contratto e sulle conseguenze, la legge forinisce alcune norme indicattive e dimonstrative e criteri diretti come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta del giudicante, tenuta a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso".

"Hawhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti –

"i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; **Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe** (A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);

"ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p 27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".

"iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan, din il-Qorti diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien ("**J. Bartolo et v. A. Petroni** deciza 7 ta' Ottubru 1997")".

"iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lil kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (**J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).

"Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza "**Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et**" (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) fis-sens "li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**")".

"Illi hekk ukoll fis-sentenza "**Gemma Fenech vs John Bugeja**" (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:- "Tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt hija wahda cara allura ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi

tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16".

"Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car ("**Joseph Gatt vs Joseph Galea**", Appell Civili, 14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (Vol. XXXIX.iii.p855 u r-rassenja ta' gurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata)".

Minn din is-sentenza sar appell. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza taghha tat-28 t'April 2017 irreferiet ghal aktar gurisprudenza li jispjegaw proprju dawn il-principji saljenti f'materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratti:

"Il-Qorti tal-Appell Kummercjali, fil-kawza fl-ismijiet **Albert Brincat v. Anthony Saliba** deciza fl-14 ta' Novembru, 1983, osservat li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba (dan dejjem sa fejn il-kliem uzat fil-konvenzjoni ma jkunx car). Hekk ukoll din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-13 ta' Frar, 1950, fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Edgar Cuschieri O.B.E. noe v. Perit Gustavo R. Vincenti**, qalet hekk:-

*"Illi fid-dritt dwar il-materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, meta l-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew ikunu spjegaw ruhhom ekwivokament, jew fil-kaz li posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx preveduta u li hemm bzonn li tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obligati jinterpretaw il-konvenzjoni ...*

Fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Stanislao Cassar et vs. Chevalier Antonio Cassar** tal-15 ta' Diċembru, 1995 (Kollez Vol. LXXIX.II.704) kien ingħad:-

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car ma hemmx lok ghal interpretazzjoni" (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili). Issa hu ovvju illi fil-kliem espress fil-klawsoli taz-zewg kuntratti fuq riportati ma hemm l-ebda ambigwita' jew ekwivocita'. . . Hu biss "meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, (li) ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet" (artikolu 1003 tal-Kap. 16). . .*

Filwaqt li din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Jannar 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Nazzareno Vella noe et. vs. Joseph Abela noe et** qalet hekk:

*"Meta l-kliem tal-att huma cari l-interpretu ghandu joqghod ghal dan il-kliem u mhux jirrikorri ghal kongetturi (Vol. XXXVI.i.191) Skont kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Sciberras Trigona vs Aneico deciza fis-6 ta' Ottubru 1883 'quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto' ……. **pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti l-kliem is-sens ordinarju tieghu, fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti, li ghandu joqghod. Jekk ghall-gudikant id-dicitura wzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghall-sens car u univoku hu dan is-sens illi ghandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami. Hu biss 'meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu**." (enfasi mizjuda mill-Qorti tal-Appell).*

Senjalati l-provvedimenti tal-ligi kif ukoll il-gurisprudena nostrana rigwardanti l-interpretazzjoni ta' kuntratti jmiss issa li l-ligi u l-gurisprudenza rilevanti tigi applikata ghall-mertu tal-kawza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Mill-provi jirrizulta li fil-21 ta' Dicembru 2010 Dr. Michelle Spiteri talbet lid-Direttur Generali tad-Dipartimenti tas-Servizzi tas-Sahha ghal **sentejn *study leave* bi hlas** sabiex tkompli t-tahrig taghha fl-ortopedija barra minn Malta.[14] Fl-ittra minnha mibghuta indirizzata lil "Mr Andrew Xuereb, Director Human Resources, Mater De Hospital" l-konvenuta tghid hekk:-

> "I am an Orthopaedic higher surgical trainee and would like to apply for **two years of paid study leave** to continue my orthopaedic training in the United Kingdom.
>
> Attached please find a letter confirming that training will be continued on the Oxford rotation in the United Kingdom as well as the necessary documentation from the Local Specialist Accreditation Committee." [sottolinear tal-Qorti].

Din it-talba giet accetata u kien ghalhekk li fit-2 ta' Frar 2011, Dr. Spiteri ffirmat *Form of Undertaking for Government Scholarship Holders* li biha ntrabtet li tkompli taqdi lid-Dipartiment tas-Sahha ghal perjodu ta' 5 snin mid-data tar-ritorn taghha: "*I will continue to serve the ministry/Department of Dept. Of Health and/or any other recognised organisation at the discretion of the Government for a period of 5 years from the date of my return.*"[15] Dan l-hekk intitolat dokument Form of Undertaking gie wkoll countersigned minn rapprezentant tal-Gvern Malti. Il-konvenuta iffirmat ukoll il-kondizzjonijiet applikabbli intitolati "Rules Governing the Award of Scholarships" Regola numru 8 tistipula illi:-

[14] Ara kopja tal-ittra f'pagna 46 tal-process
[15] Pagna 47 tal-process.

"8. The scholarship holder may also be required to refund all or any part of the expenses incurred by his/her Ministry/Department on his/her behalf in connection with his/her scholarship

[...]

c) if he/she fails to serve his/her Ministry/Department as stated in paragraph 3 above.

9. For this purpose the scholarship holder may be required to enter into a formal act of hypothecation with his/her Ministry/Department before departure."

Skond Regola numru 3 jekk il-perijodu tal-kors kopert bl-ischolarship kien jeccedi tnax-il xahar allura min jibbenefika minn tali scholarship huwa marbut li jservi ghal perijodu ta' hames (5) snin.

Minn qari ta' dawn il-kondizzjonijiet marbuta mal-ischolarship, scholarship li ghalih volontarjament kienet applikat il-konvenuta u kondizzjonijiet li gew accettati mill-konvenuta bil-firma taghha tat-2 ta' Frar 2011, huwa car fil-fehma tal-Qorti dak li ftehmu l-partijiet. Il-konvenuta applikat ghal sentejn leave bi hlas. Dak kien jikkonsisti l-ischolarship tal-konvenuta. Hija intrabtet li mat-tmiem tal-ischolarship hija taghti servizz fl-Isptar Mater Dei ta' mhux anqas minn hames snin.

Jehtieg ghalhekk jigi ezaminat x'jipprovdu l-Form of Undertaking; ir-Regoli applikabbli u l-kuntratt ta' Ipoteka Generali fl-eventwalita' li l-konvenuta ma tonorax l-obbligazzjoni minnha assunta li mat-tmiem tal-kors taghha fl-esteru tigi hawn Malta u taghti servizz fl-Isptar Mater Dei ghal hames snin, kollha jew parti minnhom.

Kif rajna Regola numru 8 tistipula illi f'kaz li l-konvenuta tonqos li taghti servizz ta' hames snin "The scholarship holder may also be required to

refund all or any part of the expenses incurred by his/her Ministry/Department on his/her behalf and in connection with his/her scholarship...."

Il-kelma "may" turi illi gie mholli fid-diskrezzjoni tal-Ministeru/Dipartiment jekk jitlobx rifuzzjoni ta' dak imhallas waqt l-ischolarship fl-eventwalita' li l-beneficjarju tal-ischolarship, f'dan il-kaz il-konvenuta, ma tonorax l-obbligu minnha assunt li tghti servizz ta' mhux anqas minn hames snin gewwa l-isptar Mater Dei.

Fl-eventwalita' li beneficjarju ta' scholarship ma jaghti l-ebda servizz il-kalkolu ta' dak li jkollu jigi rifuz ma joffrix wisq diffikuta' ghaliex kull ma jkun irid isir huwa li jigi verifikat dak kollu li jkun thallas lill-beneficjarju u b'hekk issir il-likwidazzjoni tal-ammont dovut skond Regolar numru 8.

Kif ghandu jigi kkalkolat l-ammont dovut fl-eventwalita' li l-beneficjarju ma jahdimx il-perijodu kollu stipulat ma nsibu xejn; la fil-Form of Undertaking, la fir-Rules Governing hemm stipulazzjoni cara fil-kuntratt pubbliku tat-23 ta' Frar 2011. Dan il-kuntratt wara li jaghmel diversi premessi fosthom (i) illi l-konvenuta "... shall abide by all the conditions laid down in Appendix Three to the Manual on Staff Development in the Public Service, relative to awards of Scholarships, the contents and purport of which are known to the said Doctor Michelle Spiteri, as results from a copy of the said rules signed by her which is hereto annexed marked "A";" u (ii) "It is understood that the penalty due by the said Doctor Michelle Spiteri should she fail to render five years service as stipulated in this deed, will be reduced "pro rata" according to the amount of service rendered."

Mill-atti, primarjament mir-risposta guramentata tal-konvenuta, jidher li m’hemm l-ebda kontestazzjoni min-naha tal-istess konvenuta li hija kienet obbligata taghti hames snin servizz lill-Gvern wara li tirritorna u lanqas ma tikkontesta li hija ghandha thallas lura l-penali galadarba hija m’onoratx l-imsemmija kondizzjoni. Il-kontestazzjoni taghha tirrigwarda l-quantum

tal-penali li ghandha thallas. Il-konvenuta tinsisti illi l-ammont pro rata li ghandha tirrifondi ghandu jigi kkalkolat fuq ic-cifra ta' €26,626 imsemmija fil-kuntratt ta' ipoteka u mhux fuq l-ammont kollu li hija irceviet bhala salarju waqt li kienet fuq "paid leave" bhala parti mill-ischolarship.

L-inadempjenza min-naha tal-konvenuta sabiex tesegwixxi l-obbligazzjoni taghha twassal sabiex jithallsu penali u dan ghaliex "Skond il-ligi inadempiment bhal dan jissarraf f'danni ghax, kif saput, "hi massima generali li l-obbligazzjonijiet li ma jikkonsistux "nel dare", imma jikkonsistu "nel fare" jirrizolvu ruhhom f'danni u nteressi meta d-debitur ma jadempix l-obbligazzjoni tieghu, ghaliex "nemo precise cogi potest ad factum"." (**Kollez. Vol XLI pII p1141**). […] Dak il-ftehim allura kellu jigi ezegwit b'buona fede. Din hi ukoll fonti integrattiva tal-kuntratt (Art 993 tal-Kodici Civili) u allura n-nuqqas taghha tiggenera r-responsabilita` kontrattwali f'kaz ta' inadempiment tal-obbligazzjoni."[16]

Ta' relevanza huwa l-**Artikolu 1122 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi li:

> "(1) Il-qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief f'dawn il-każijiet:
> (a) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita;
> (b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu.
> Iżda, f' dan il-każ, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.

[16] **Malta Information Technology & Training Services Limited gha Management Systems Unit Limited vs. Michael Balzan** (Cit Nru 29/2003 PS) deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-6 t'Ottubru 2004.

(2) Meta skont dan l-artikolu l-penali għandha tiġi mnaqqsa, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqgħet mhux esegwita."

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) spjegat li "Iz-zewg subincizi tal-Artikolu 1122(1) huma separati u distinti minn xulxin."[17] Penali hija definita fl-Artikolu 1120 tal-Kodici Civili bhala "l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali".

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Projekte Clobal Ltd vs. Il-Kunsill Malti ghall-Isport** (Rik Gur 517/2015 MCH) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-7 ta' Lulju 2016:

"Illi l-applikazzjoni rigida ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistghu jinstiltu minnha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta' ligi bejniethom (art 992(1) tal-Kap. 16), u l-ebda qorti m'ghandha tindahal fi ftehim bhal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ggibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-gurnata huwa accettat li l-applikazzjoni tar-regola mahsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodici Civili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' principju iehor ewlieni tad-dritt, jigifieri dak li jrid li l-kuntratti jigu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss ghal dak li jinghad fihom, imma wkoll ghall-konsegwenzi li ggib maghhom l-obbligazzjoni, skond l-ghamla taghha, b'ekwita', bl-uzu jew bil-ligi (art. 993 tal-Kap. 16). Dan ifisser li b'applikazzjoni tal-massima in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jigu "ridimensjonati" jekk jirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabbli "skond in-normi stabiliti tas-socjeta' u l-logika

[17] **TGS Company Ltd vs. Polidano Brothers Ltd** (App Civ 362/2001) deciza fit-18 ta' Lulju 2017.

guridika" (App Civ 15/12/2004 fil-kawza fl-ismijiet Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe)."

Din il-Qorti diversament preseduta fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Hector Naudi noe vs. Chiara Peresso noe** (Cit Nru 925/1993 TM) deciza fl-20 ta' Gunju 2002, qieset li meta l-partijiet kontraenti jkunu ftiehmu minn qabel dwar id-danni jew penali li ghandhom jithallsu f'kaz ta' non-adempiment tal-obbligazzjoni, il-Qorti mhix libera li tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghar-rieda tal-partijiet:

> "Dan huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridiku Malti. Meta żewġ partijiet jiftiehmu minn qabel x'għandhom ikunu d-danni f'każ ta' nuqqas, dik il-konvenzjoni torbot lill-partijiet bħala espressjoni tal-volontà libera tagħhom. Ġie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soġġettiva tagħha għar-rieda tal-partijiet li diġà stabbilew bejniethom il-*quantum* tad-danni li l-attur isofri minħabba l-inadempjenza tal-konvenut fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni assunta minnu. Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont ta' danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-quantum, liberament miftiehma u assunta (ara **"Mifsud vs Stivala"** deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1991)."

Fil-kaz odjern din il-Qorti hija marbuta bil-ftehim li sar bejn il-partijiet. Kien hemm qbil li jekk il-konvenuta tonqos milli taghti servizz kif miftiehem ghal hames snin, il-penali jitnaqqsu pro rata. Fid-dawl tal-Artikolu 1122 (1) (a) din il-Qorti tinnota li l-attur irrikonoxxa li l-konvenuta hadmet 70 gimgha mill-260 (ekwivalenti ghal hames snin) li hija kellha tahdem. Peress li dawn gew rikonoxxuti dawn ghandhom jitnaqqsu mill-penali. Tant huwa l-kaz li mill-*working* li giet ipprezentata mis-Sinjura Sharon Ferris jidher li fil-fatt dawn gew imnaqqsa.

Il-Qorti tqis illi l-konvenuta m'ghandiex ragun meta tissottometti illi l-ammont massimu li setghat tkun obbligata li tirrifondi bhala penali konsegwenza tal-inadempjenza taghha huwa ta' €26,626 imsemmi fil-

kuntratt pubbliku. Il-konvenuta donnu tqis illi l-unika stipulazzjonijiet li jorbtu lill-partijiet huma dawk li jinstabu fil-kuntratt pubbliku u ghalhekk tqis illi dak kollu lilha mhallas li ma hux rifless fic-cifra ta' €26,626 imsemmija fil-kuntratt pubbliku m'ghandux jigi kkonsidrat ghall-finijiet tal-kalkolazzjoni tal-penali dovuta mill-konvenuta.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta hija zbaljata f'dan ir-rigward. Irrizulta illi l-konvenuta mhux biss iffirmat u accettat l-istipulazzjonijiet intitolati "Rules Governing the Award of Schorlarships" izda dawn l-istess kondizzjonijiet gew formalment integrati bhala parti mill-kuntratt pubbliku b'referenza specifika ghalihom u b'kopja annessa mal-istess kuntratt. Isegwi ghalhekk . Isegwi ghalhekk illi klawsola 8 u cioe' "The scholarship holder may also be required to refund all or part of the expenses incurred by his/her Ministry/Department on his/her behalf and in connection with his/her scholarship" ma qed tistabbilixxi l-ebda limitu dwar l-ammont li kellu jigi rifuz f'kaz ta' inadempjenza da parti tal-beneficjarju. Il-kuntratt pubbliku jkompli jibni fuq il-"Form of Undertaking" u fuq ir-"Rules Governing the Award of Scholarships" iffirmati precedentement mill-konvenuta. F'dak iz-zmien il-konvenuta kienet talbet ghal sentejn "paid leave" u jirrizulta illi inizjalment it-talba giet milqugha ghal sena b'dan illi l-istess konvenuta talbet estensjoni tal-ischolarship ghal aktar minn darba, u kull darba l-estensjoni inghatat b'dan illi l-konvenuta baqghet tistuda fir-Renju Unit filwaqt li kompliet tircevi l-paga bhala parti mill-ischolarship lilha moghti. Pero' huwa aktar milli evidenti ghal din il-Qorti illi it-tlett dokumenti rilevanti huma applikabbli mhux biss ghall-ewwel sena tal-ischolarhip izda huma applikabbli ghat-terminu kollu tal-ischolarhsip, ghal kull perijodu ta' estensjoni li ghalih talbet il-konvenuta, li gie lilha koncess u kompliet bl-istudji taghha fl-esteru filwaqt li kompliet tircevi s-salarju mill-Gvern Malti. Il-kliem fi klawsola 8 "The scholarship holder may be required to refund all or any part of the expenses incurred......in connection with his/her scholarship" ma jhallu l-ebda dubju dwar x'kien il-ftehim ta' bejn il-partijiet. Il-fatt li s-salarju kollu li baqghet tircevi l-konvenuta wara l-ewwel sena ma giex ukoll kopert b'ipoteka generali ma jfissirx li m'ghanduxx jittiehed kont ghall-finijiet ta' kalkolazzjoni ta' dak li

ghandu jigi rifuz mill-konvenuta. Il-fatt li l-attur ma kellux garanzija fuq tali ammont ma jfissirx li ma ghandux dritt jitlob li jigi rifuz. Ifisser biss illi ghas-salarji li thallsu lill-konvenuta wara l-ewwel sena, l-Gvern ma kellux garanzija fil-forma ta' ipoteka generali kontra l-konvenuta fl-eventwalita' ta' inadempjenza, kif fil-fatt gara. Izda dan ma jfissirx, kif qed tippretendi l-konvenuta, illi dawk is-salarji mhallsa matul l-ischolarship li ma kienux koperti b'garanzija allura l-attur m'ghandux dritt jitlob ir-rifuzzjoni in toto jew in parte taghhom.

Ghandu jigi sottolineat illi l-kuntratt pubbliku tat-23 ta' Frar 2011 jaghmel fost l-ohrajn is-segwenti preamboli:

"Whereas the said Doctor Michelle Spiteri has been selected to follow a course in Orthopaedic training for a period of one year commencing in March of the year two thousand and eleven, tenable in Oxford in the United Kingdom.

Whereas a further extension of one year paid leave may be granted subject to satisfactory performance of the said Doctor Michelle Spiteri as certfied by the Clinical Chairperson of Orthopaedics."

Huwa car daqs il-kristall illi l-ammont ta' €26,626 indikat fil-kuntratt pubbliku kien qed jirreferi biss ghall-ewwel sena tal-kors. L-estensjoni ta' sena ohra u estensjoni ulterjuri ta' xahrejn kienu avvenimenti futuri u kien ghalhekk illi fuq il-kuntratt pubbliku giet iskritta ipoteka generali ghall-ammont li kien referibbli ghall-ewwel sena.

Jekk kien hemm xi nuqqas dan kien da parti tal-awtorita' pubblika illi mal-estensjonijiet tal-paid study leave ma kienx hemm ukoll l-iskrizzjoni ta' garanziji ulterjuri. Pero' tali nuqqas ta' garanzija ulterjuri ma kkonvertiex l-obbligazzjoni ta' rifuzjoni f'donazzjoni; kif donna qed tippretendi l-konvenuta.

Ikkonsidrat;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta tissottometti "Illi tul il-kors tal-provi l-attur qatt u qatt ma xehed jew ressaq xi argument a sostenn tal-fatt illi s-somma illi qed tintalab li thallas Michelle Spiteri tirraprezenta dawk l-ammonti li hija irceviet bhala paga matul l-ischolarship taghha, illi del resto qatt ma gew kkwantifikati".

Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuta inghata "paid study leave" ghall-perijodu minn Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) sa April tas-sena elfejn u tlettax (2013) , sentejn u xahrejn ta' leave bi hlas bil-kondizzjoni principali tkun li l-konvenuta taghti hames snin servizz mediku hawn Malta wara li ttemm l-istudju fl-esteru. Fil-fatt wara l-imsemmija sentejn u xahrejn 'paid leave' il-konvenuta, talbet u ottjeniet permess sabiex testendi z-zmien taghha fl-esteru ghall-finijiet ta' studju u ghalhekk gie lilha koncess illi ma tirritornax mill-ewwel sabiex taghti l-hames snin servizz mediku, l-ewwel bhala emigration leave imbaghad bhala unpaid leave li baqa' perijodikament jigi estiz fuq talbiet varji tal-konvenuta sa' Jannar 2017.

Dwar x'hallas lill-konvenuta, l-attur ressaq provi mhux kontradetti illi fir-rigward tal-ewwel sena huwa hallas €26,626[18] u fir-rigward tas-sena u xahrejn sussegwenti huwa hallas lill-konvenuta €37,741[19], b'kollox €64,367.00.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta tilmenta illi ma tresqux provi dwar x'gie mhallas lilha. L-atti juru mod iehor. Jekk kienet qed tikkontesta tali provi kellha kull opportunita' illi jew tikkontesthom fil-kontro ezamijiet tax-xhieda mressqa mill-attur jew tressaq provi hi b'kuntrast mal-provi tal-attur. Pero' l-konvenuta ma ghamlet xejn minn dan. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-attur ipprova sodisfacentement sal-grad li trid il-ligi illi fiz-zmien tal-paid study leave huwa hallas lill-konvenuta is-somma komplessiva ta' €64,367.00.

[18] Ara kuntratt pubbliku f'pagna 5 tal-process
[19] Ara Dok HB1 f'pagna 138 tal-process

Meta din is-somma tigi diviza f'260 gimgha, jirrizulta li s-somma ta' penali ghal kull gimgha hija ta' €247.56. Galadarba l-konvenuta hademt 70 gimgha dawn ghandhom jitnaqqsu mit-total globali ta' gimghat u sabiex b'hekk jigi stabbilit li l-ammont ta' gimghat li ma hadmitx il-konvenuta jammontaw ghal 190. Sabiex tinhareg is-somma tal-penali imiss ghalhekk li r-rata ta' penali fil-gimgha tigi multiplikata mal-gimghat li hija ma hadmitx, sabiex b'hekk is-somma ta' penali li Dr. Michelle Spiteri ghandha thallas minhabba inadempjenza hija ta' sebgha u erbghin elf, sitta u tletin ewro u erbghin centezmu (€47,036.40).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta ssostni illi l-attur rabat it-talbiet tieghu mal-garanzija ta' €26,626 u mhux mal-ammont globali lilha mhallas bhala paid study leave.  Anke hawn m'ghandiex ragun il-konvenuta.  Filwaqt li huwa veru illi fir-raba' talba tieghu l-attur jitlob li l-Qorti "Tordna l-hlas tal-istess garanzija" pero' jkompli jzid "u ta' l-ammonti kollha mhallsa lill-intimata matul is-snin illi kienet qed tistudja barra a favur l-attur."  Huwa car mir-raba talba illi l-attur qed jitlob rifuzzjoni tal-ammonti kollha li huwa hallas bhala paid study leave.  Kif rajna, it-talba ghar-rifuzzjoni tal-ammonti kollha ma hiex fondata ghaliex il-konvenuta hadmet sebghin gimgha mill-hames snin li kellha tahdem lura Malta.  F'dan ir-rigward ghalhekk ser ikun hemm temperament dwar il-kap tal-ispejjez.

**Decide**

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuta naqset li tonora l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Cora Vella datat 23 ta' Frar 2011;

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba;

3. Tilqa' parzjalment ir-raba talba u u tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur in linea ta' penali konsegwenza tal-inadempjenza taghha kif fuq deciz is-somma ta' sebgha u erbghin elf, sitta u tletin ewro u erbghin centezmu (€47,036.40).

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenuta..

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**